MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Numru 334/2007

**Il-Pulizija
(Sp. Daniel Zammit)**

**v**

**Raymond Cordina ta' 45 sena iben Joseph
u Lucy nee Micallef imwieled il-Marsa
fl-1 ta' Mejju, 1961, detentur tal-karta tal-identita'
bin-numru 0404461 (M) u residenti gewwa Plot 6,
Flower, Triq il-Mulett, Xghajra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Raymond Cordina li gie akkuzat talli f'Ottubru, 2006 u fix-xhur ta' qabel xjentement xtara jew laqgha ghandu oggetti misruqa lil-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltija,

mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir f’malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U fl-ahhar nett talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel a tenur tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni minnu registrata fi stadju ta’interrogatorju liema ammissjoni baqghet qatt ma giet irtirata (vide verbal 18/01/08).

Rat l-atti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena in vista ta’ l-ammissjoni.

Rat il-verbal tal-Ufficjal Prosekutur fil-konfront tar-recidiva hawn kien applikabbli biss l-artikolu 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ghalhekk il-fedina penali ta’ l-akkuzat. Qeghda fuq ammissjoni tieghu issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 334, 279, 49 tal-Kapitlu 9, rat ghalhekk l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sena.

Il-Qorti fehmitu wkoll is-sinifikat ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 u l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti taht l-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------